MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 202/2011

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu talbet illi l-Qorti tiddikjara li z-zwieġ tagħha mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett għall-finjiet u effetti kollha tal-liġi għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut, wara li ppremettiet hekk:

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fil-5 ta' Settembru tas-sena 1999 certifikat taz-zwieg numru 1547/1999.

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifel. Huma iffirmaw kuntratt ta' firda personali nhar s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-Nutar Amanda Grech (Dok B).

3. Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu da parti tal-intimat,

4. Illi l-kunsens tal-intimat kien inkiseb b' eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal- hajja mizzewga.

5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att Nru xxxvii tas-sena 1975 (Kap 255) li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg kontrattat fil-hams (05) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) bejn il- kontendenti huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana ghal ragunijiet imputabbli solament lill-intimat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attriċi.

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax risposta ġuramentata.

Rat l-atti kollha;

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2012 il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI.**

L-attiċi xhedet illi hija u l-konvenut iltaqgħu fis-sena 1995 u damu kważi erba' snin joħorgu flimkien qabel ma żżewġu. Hija tgħid li kienu joħorġu dejjem f'postijiet li jrid hu. Tiddeskrivi l-konvenut bħala bniedem riżervat u ħbieb ma tantx kellu.

L-attriċi tispjega li għalkemm il-konvenut kien jirrispettaha, kellu diffikulta' kif jesprimi ruħu u hi ma kenitx tifhmu: "allura jista' jaghti kaz li jien stennejt mod minghandu u hu urini bil-mod li jaf hu u ma kontx naghraf ezatt dak li qed ihoss. Meta kont nistaqsih ghal certu attenzjoni hu kien jghidli li dawk l-affarijiet idejquh". "Nahseb li dak li kont qed nistenna jien minn ghandu forsi ghalih ma kienxu daqshekk ta' importanza allura kont spiccajt inhossni ittraskurata. Kien hemm zminijiet fejn kien romantiku imma dejjem tajt l-idea jien. Maz-zmien anka waqt l-att sesswali kien ikun hemm prezenti certu coldness bejnietna."

Il-konvenut hu sportiv hafna filwaqt li l-attrici qatt ma nteressaha l-isport. "It-training kien jigi l-ewwel u qabel kollox sa anke ghamel gym id-dar fejn kien jqatta hin hemm aktar milli jqatta' hin mieghi. Ix-xoghol fejn kien impjegat dak iz-zmien kien jirrikjedi li jahdem mit-8 ta' filghodu sas-1 u jerga' jahdem mill-4 sat-8.30. Jien kont nasal id-dar xi 3 u allura bil-kemm konna naraw lil xulxin matul il-gurnata. Jien kont nivvinta naghmel xi kors biex b'hekk mhux kwazi kuljum dejjem wahdi. Meta konna nkunu mistiednin xi tieg qatt ma kien ried ihalli t-tifel mal-genituri. Dejjem ried li jigu huma d-dar u ahna ma ndumux. Minn mindu kellna t-tifel qatt ma kelna ftit hin ghalina wahidna. Jien bl-ebda mod ma kelli f'mohhi li ta' kull nhar ta' sibt ihallu t-tifel mal-genituri u nohorgu wahidna, imam kultant fil-fehma tieghi kienet tkun haga sabiha li ftit hin ghalina wahidna kultant konna nsibuh".

L-attrici tilmenta li l-konvenut baqa' jaghti importanza li tghidlu ommu aktar minn dak li tghidlu l-attrici. It-tifel tal-partijiet twieled wara kwazi erba' snin zwieg u kellu bzonn l-i*speech therapy*. Skond l-attrici omm il-konvenut

irreagixxiet billi qalet li la jikber jitghallem jitkellem wahdu. Il-konvenut ma riedx li jinghatalu *speech therapy* ghaliex sostna li l-attrici kienet qed tiehu t-tifel ghal *speech therapy* ghalxejn u li dan kollu kien hela ta' flus, "Il-flus kienu jaghmuh.  Kien ifittex mieghi u kull haga li tinxtara trid bilfors tinqasam ezatt min-nofs. Kellna tliet qtates ghax jien inhobb il-qtates qatt ma nefaq one cent ghalihom ghax dawk kienu tieghi u mhux tieghu, Dejjem bqajna nghixu b'mentalita' dan tieghi u dan tieghek allura qatt ma konna maqghudin kif suppost tkun."

L-attrici spjegat il-karattru possessiv ta' omm il-konvenut mhux biss fuq binha izda wkoll fuq iben il-partijiet.  Tghid hekk: "Sa anka kienet tindahal kif inrabbi lit-tifel u t-tifel taghna ghamlitu taghha fil-veru sens tal-kelma ghax li kien ghaliha ahna konna nkunu prezenti ghal basic needs biss. Dak li tghid ommu kien vangelu/"

"Aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar beda jikber id-distakk bejnietna u meta kont iffacjajtu li z-zwieg taghna qed jitfarrak u li ahjar immorru ghand counsellor lil baghatni insewwi mohhi".

L-attrici tiddeskrivi li meta s-sitwazzjoni bejniethom ma kenitx aktar sopportabbli hija bdiet il-proceduri ghal separazzjoni personali.  Tispjega li r-reazzjoni tal-konvenut ghal dan kien li qalilha li jekk trid hija setghat ikollha partner gdid bil-kondizzjoni li lill-genituri tieghu ma jghidulhom b'xejn bis-separazzjoni taghhom.

Xhedet Dorothea Borg, omm l-attrici, li kkonfermat li minn dak li kienet tara, l-konvenut kien persuna ta' wahdu u ma jinvolvix lill-mara tieghu fil-hajja tieghu.  Ma jikkomunikax. Jqatta hafna hin il-gym u ma kienux johorgu flimkien bhala koppja.  Hija spjegat li wara li l-partijiet kellhom it-tifel donnu martu ma kenitx tezisti aktar ghalih.

Xhedet ukoll Naomi Attard, oht l-attrici, li tispjega lill-partijiet bhala li ma kienux koppja socjevoli.  Dan setghat tghidu ghaliex mhux l-ewwel darba li jekk ikollhom xi tieg anke tal-familja, l-attrici kienet tispicca tmur wahedha u l-konvenut ma kienx jakkumpanjaha.  Hija tispjega li l-

konvenut aktar kien ihobb joqghod id-dar mat-tifel milli johorgu bhala familja, ghalkemm fil-fatt kien johrog hafna pero’ biex imur il-gym u attivitajiet tieghu, pero’ mhux ma’ martu l-attrici.

Dorianne Mallia, habiba antika tal-attrici, xhedet li ilha tafha minn meta kienu s-sixth form u kienet ukoll bridesmaid meta l-partijiet izzewgu. Tispjega lill-konvenut bhala bniedem rizervat hafna li mieghu qatt ma qabdet konversazzjoni. Hija kkonfermat li meta l-attrici kien ikollha xi invit kienet tispicca takkumpanjaha hi ghaliex il-konvenut ma kienx irid imur mal-attrici. Matul iz-zmien li l-partijiet kienu jghixu flimkien ir-ragel ma kienx jakkumpanjaha lanqas biex jixtru mis-superCet. Kien jolqotha l-fatt illi l-attrici ma kenitx tidher li qed thoss in-nuqqas tar-ragel taghha.

L-attrici tat ix-xhieda taghha ukoll viva voce quddiem il-Qorti[1] fejn spjegat li z-zmien tal-gherusija kien wiehed tajjeb u li l-inkwiet beda biss wara li zzewgu:

“Meta konna gharejjes konna nohorgu imma minn dejjem f'postijiet li jiehu pjacir hu. Postijiet fejn joghgbu lili qatt ma morna. C minn dejjem kien bniedem riservat u hbieb ma tantx kellu. Hu stess kien jghid li l-hbieb idejquh. Jippreferi joqoghod wahdu. Anka meta kien rari johrog hu jmur xi ikla, ma kienx idum just kemm jaghmel present. Imma fuq ix-xoghol gieli kellu xi kunfidenzi zejda u hu dejjem inneghom. Meta darba kien marid u dam marid ircievi get well soon card u fiha dik li kienet tahdem fl- istess ufficju mieghu kienet qaltlu li l-ufficju vojt minghajru. Ghal xi haga kienet irreferit din. U tifhir fuqha smajt ukoll u kumplament kemm domt mieghu jekk qlajt 3 b'kollox ghax ma tantx hem m fix-xhiex titfixkel. Ma nistax nghid li ma kienx jirrispettani minn naha l-ohra. Forsi kellu anka diffikulta' kif jesprimi ruhu u jien ma kontx nifhem lilu, allura jista' jaghti kaz li jien stennejt mod minghandu u hu urini bil-mod li jaf hu u ma kontx naghraf ezatt dak li qed ihoss. Meta kont nistaqsih ghal certu attenzjoni hu kien jghidli li dawk l-affraijiet idejquh, per ezempju kultant jaghtik bewsa jew

[1] Seduta 17 ta’ April 2012 (fol. 32)

tghanniqa, u meta darba kont ghedtlu ghandek xorti ghadni ferhana bik, qalli issa niftah dembi bhal pagun mela. Nahseb li dak li kont qed nistenna jien minn ghandu forsi ghalih ma kienux daqshekk ta importanza allura kont spiccajt inhossni ittraskurata. Kien hemm zmienijiet fejn kien romantiku imma dejjem tajt l-idea jien. Maz-zmien anka waqt l-att sesswali kien ikun hemm prezenti certu coldness bejnietna. C hu bniedem sportive hafna u jien qatt ma interrassani l-isports. It- training kien jigi l-ewwel u qabel kollox sa anka ghamel gym id-dar fejn kien jqatta hin hem m aktar milli jqatta hin mieghi. Ix-xoghol fejn kien impjegat dak z-zmien kien jirrikkjedi li jahdem mit-8 ta filghodu sas 1 u jerga jahdem mill-4 sat-8.30. Jien kont nasal id-dar xi 3 u allura bil-kemm konna naraw lil xulxin matul il-gurnata. Jien kont nivvinta naghmel xi kors biex b'hekk mhux kwazi kuljum dejjem wahdi. Meta konna nkunu mistiednin xi tieg qatt ma kien reid ihalli t-tifel mal-genituri. Dejjem ried li jigu huma d-dar u ahna ma ndumux. Minn mindu kellna t-tifel qatt ma kelna ftit hin ghalina wahidna. Jien bl-ebda mod ma kelli f'mohhi li ta' kull nhar ta' sibt ihallu t-tifel mal-genituri u nohorgu wahidna, imma kultant fil-fehma tieghi kienet tkun haga sabiha li ftit hin ghalina wahidna kultant konna nsibuh. Bhala ghalliem tal-kung fu, kien imur jghallem go club u flimkien ma siehbu kien iddecida li jibdew jahdmu flimkien. Bl-ebda mod ma staqsieni jekk jien naqbilx li dan imur jghallem, la meta u lanqas fi x'hin. Barra minn hekk dejjem kien qisu mummy's boy u dak li tghid ommu dejjem jiswa aktar minn dak li nghid jien. Wara kwazi erba snin zwieg kellna lit-tifel u minn hemm bdew jikbru l-problemi. Meta t-tifel kellu bzonn l-ispeech therapy u jien ftaht halqi mill-ewwel.”

Ghad-domanda jekk it-tifel tal-partijiet kienx ippjanat hija rrispondiet fl-affermattiv izda tat din l-ispjegazzjoni:

“...imma mbaghad wara li kellna t-tifel qabad u qalli, ghax jiena kont qisni qed inhoss imbaghad li l-hajja taghna mhux sejra sew ghax ahna bqajna qisna zewg parallel lines, qisek ghandek flatmate prattikament.”.

"Jekk tizzewweg imbaghad qisek taghmel familja, le? Jiena ghidtlu, hu qabel mieghi u kellna t-tifel, biss imbaghad wara li kellna t-tifel qalli jiena ridt inkun naf x' inhi hajja mizzewga issa rrid nghix ghal rasi u jiena meta mbaghad ghidtlu ejja nfittxu ghajnuna ta' counsellor u hekk, qalli mur sewwi mohhok. Ghidtlu jiena f' mohhi m' ghandi xejn, m' ghandix xi nsewwi."

Il-konvenut, li kien kontumaci f'dawn il-proceduri, xhed viva voce quddiem il-Qorti[2] fejn spjega li wara li twieled it-tifel tilfu l-komunikazzjoni ta' bejniethom. Jghid li sew hu u sew l-attrici dahlu kull wiehed u wahda minnhom f'dinja ghalihom u bierdu minn xulxin.

L-gherusija jiddeskriviha bhala wahda normali fis-sens li kien hemm komunikazzjoni tajba: "... jidhirli li dhalna ghaz-zwieg bl-istess ghan li nizzewgu u li jkollna familja flimkien".

Huwa jghid li l-ewwel diffikultajiet fiz-zwieg tfaccaw wara li twieled it-tifel taghhom, madwar tlett snin wara li kienu ilhom mizzewgin. L-ewwel tlett snin taz-zwieg jiddeskrivihom bhala zmien tajjeb hafna fis-sens li kienu jikkomunikaw hafna ma' xulxin. Li jkollhom tifel kien ukoll ippjanat.

## KONSIDERAZZJONIJIET.

### L-Azzjoni Attrici.

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut celebrat fil-5 ta' Settembru 1999 jigi dikjarat null ghaliex skond l-atttrici:

i) Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga;

---

[2] Seduta 10 ta' Ottubru 2012 (fol.41)

ii) Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan l-artikolu ghandu l-gheruq tieghu fil-Ligi Kanonika. Canone 1095 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 jipprovdi illi "The following are incapable of contracting marriage: i) those who lack the sufficient use of reason; ii) those who suffer from a grave defect of discretion of judgment concerning the essential matrimonial rights and duties mutually to be handed over and accepted"; iii) those who are not able to assume the essential obligations of marriage for causes of psychic nature".

Biex l-attrici tirnexxi ab bazi ta' din il-premessa trid qabel xejn tipprova li fil-mument li l-partijiet kienu qeghdin jiccelebraw iz-zwieg taghhom, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga;

Analizi tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255 juri illi biex tirnexxi l-azzjoni attrici jehtieg qabel xejn tipprova li fil-mument li l-partijiet kienu qed jaghtu l-kunsens lil xulxin:

i) Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat
ii) B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew

iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Minhabba li kif diga inghad l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti. Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala "disretio judicii".

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg civili taghha mal-konvenut. Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

"Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi lu l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"[3]

[3] Artikolu 2, Kap. 16

Ghalkemm mhux necessarjament li l-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin fis-sagrament taz-zwieg taht il-Kodici Kanoniku huma identitci ghall-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin kif kontemplat fil-Ligi Civili, huma xorta rilevanti xogholijiet u gurisprudenza dwar il-Kodici Kanoniku dwar dak li ghandu x'jaqsam mad-definizzjoni ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u vizzju ta' kunsens.

**John L Young** fl-istudju tieghu intitolat "**Understanding Due Discretion of Judgment in Catholic Marriage Courts (1991)** " ippubblikat fil-Journal of the American Academy of Psychiatry and the Law (Bull Am Acad Psychiatry Law, Vol. 19, No.2, 1991 jispjega illi "discretion of judgment…. Presumes having and duly exercising an ability to look well beyond the present moment in order to make a serious and lifelong pledge. This capacity is present in proportion to the individual's ability to weigh and choose prudently, to accept good advice, to reason clearly, to learn from experience, to formulate sensible goals, and to display qualities of foresight, insight, circumspection, deliberation and appreciation."

Young jispjega x'ghandu jkun l-ezercizzju tal-gudikant fl-analizi tad-diskrezzjoni ta' gudizzju ta' koppja li tersaq ghaz-zwieg:

"One can look for demonstration of an ability to appreciate and respect the partner as a person. One can ask how the parties intended to work out the various decisions about their relationship. This might include such issues as the values they did and did not expect to share, and whether they disclosed their vulnerabilities and their feelings about relationships outside their marriage. Where the parties ready to give and to accept exclusive possession of their bodies, and to cast their material fortunes together for life? …"

Din id-dottrina hija riflessa fis-sentenza **"Parties Atkins Charles vs. Atkins Matilde"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

"Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi."

Fil-kawza "**Melanie Borg Cachia vs. Joseph Borg**" deciza fid-29 ta' Mejju 2004 spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga. (Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002).

Ikkonsidrat;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa u hi tal-fehma li ma hux minnu li fil-mument li kienu qed jiccelebraw iz-zwieg taghhom il-partijiet, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Sew l-attrici kif ukoll il-konvenut xhedu illi waqt is-snin tal-gherusija ir-relazzjoni taghhom kienet wahda normali. Ghalkemm l-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala wiehed li ma jhobbx ifittex il-kumpanija ta' haddiehor dan ma hux prova li l-kunsens ghaz-zwieg hu vizzjat.

Il-provi mressqa jindikaw illi l-problemi ta' bejn il-partijiet effettivament tfaccaw minn meta twieled binhom u mhux fiz-zmien li kienu qed jizzewgu. Il-partijiet izzewgu fis-sena 1999 u binhom twieled fis-sena 2003.

Ma rrizultax li l-konvenut ma kellux abbilita' li japprezza jew li jirrispetta lill-attrici. Fil-fatt l-attrici stess tistqarr : "Ma nistax nghid li ma kienx jirrispettani minn naha l-ohra". Il-partijiet kienu ilhom tlett snin qabel iddecidew li jkollhom tarbija. Decizzjoni li haduwha flimkien. Jirrizulta ghalhekk illi effettivament kienet decizzjoni li hadu flimkien li ma jkollhomx tarbija mill-bidunett taz-zwieg taghhom u kienet ukoll decizzjoni li hadu flimkien tlett snin wara li jkollhom tarbija.

Ix-xhieda li tat l-attrici rigward il-konvenut fejn jidhol it-tifel taghom hija xi ftit jew wisq kontradittorja. L-ewwel tisjega li appena twieled it-tifel qisha hi spiccat ghalih u t-tifel ha l-attenzjoni kollha minghand missieru l-konvenut. Pero' fl-istess hin tghid li l-konvenut kien jixxahhah fejn jidhlu flus tant li ma riedx jibghat lit-tifel ghal speech therapy ghaliex ma riedx jonfoq flus.

Tilmenta hafna l-attrici li kienet taghmel hafna attivitajiet wahedha minghajr il-kumpanija tal-konvenut ghaliex ma kienx ikun irid jakkumpanjaha. Jiririzulta pero' li l-konvenut kien ikun xoghol mit-8.00am sas-1.00 pm u mill-4.00 pm sat-8.30 pm, apparti li ghamel zmien isegwi kors ghall-masters li allura kien johodlu mill-ftit hin liberu li kellu.

Il-Qorti tissottolinea l-fatt illi filwaqt li r-ragunijiet migjuba mill-attrici jistghu ikunu rilevanti hafna f'kawza ta' separazzjoni jew divorzju, ma jwasslux f'mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali li fil-mument taz-zwieg tal-partijeit il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenjali tal-mizzewgin.

L-istess jinghad fir-rigward tal-premess tal-attrici li l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktara mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Hija l-fehma tal-Qorti li fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom il-konvenut la kellu l-intenzjoni li jeskludi z-

zwieg innifsu mill-hajja tieghu matrimonjali u lanqas li jeskludi xi wahda jw aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------